31994L0014

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 94/14/EC

tad-29 ta'Marzu 1994

li temenda s-Seba' Direttiva 76/372/KEE li tistabbilixxi metodi tal-Komunità għall-analiżi tal-kontroll uffiċjali ta' l-għalf

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropeja,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/373/KEE ta' l-20 ta' Lulju 1970 dwar l-introduzzjoni ta' metodi tal-Komunità għall-ikkampjonar u l-analiżi tal-kontroll uffiċjali ta' l-għalf [1], kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KEE) Nru 3768/85 [2] u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,

Billi s-Seba' Direttiva tal-Kummissjoni 76/372/KEE [3], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 92/95/KEE [4], tippreskrivi l-metodi li għandhom jintużaw biex jiġi stabbilit l-aflatoxin B_1;

Billi huwa meħtieġ li jerġa' jiġi rivedut il-metodu tad-doża wżat fil-preżent, biex tiġi dikjarata b'mod eżatt il-proċedura ta' operazzjoni għat-tħejjija tal-kampjun u biex jiġu definiti r-regoli għall-espressjoni tar-riżultati;

Billi l-miżuri li għalihom tipprovdi din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar l-Għalf,

ADDOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness li jinsab mad-Direttiva 76/372/EC huwa emendat kif muri fl-Anness:

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva, sa mhux aktar tard minn sena mid-data tad-dħul tagħha fis-seħħ. Għandhom javżaw minnufih b'dan lill-Kummissjoni.

Fejn l-Istati Membri jaddottaw dawn id-dispożizzjonijiet, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'dik ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċċjali tagħhom. Il-proċedura għal dik ir-referenza għandha tiġi addottata mill-Istati Membri.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum li jiġi wara dak li fih tiġi ppublikata fil-Ġurnal Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' Marzu 1994.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

---

(1) ĠU L 170, tat-3.8.1970, p. 2.
(2) ĠU L 362, tal-31.12.1985, p. 8.
(3) ĠU L 102, tal-15.4.1976, p. 8.
(4) ĠU L 327, tat-13.11.1992, p. 54.

L-ANNESS

It-Taqsima Ċ ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva 76/372/KEE hija mibdula b'dan li ġej:

"Ċ. Osservazzjonijiet li jikkonċernaw il-Metodi A u B

1. Tneħħija ta' xaħam

Kampjuni li jkun fihom aktar minn 5 % ta' xaħmijiet għandu jitneħħilhom ix-xaħam b'pitrolju ħafif (bp 40 to 60 °C) wara l-preparazzjonijiet indikati fil-5.1.

F'dawk il-każijiet, r-riżultati analitiċi għandhom jiġi espressi f'termini tal-piż tal-kampjun bix-xaħam mhux imneħħi.

2. Reproduċibilita tar-riżultati għall-Metodu A

Ir-riproduċibilità tar-riżultati, jiġifieri il-varjazzjoni bejn ir-riżultati miksuba minn żewġ laboratorji jew aktar fuq l-istess kampjun tkun ġiet stmata bħala:

± 50 % tal-valur medju tal-valuri medji ta' aflatoxin B, minn 10 u sa 20 µg/kg;

± 10 µg/kg tal-valur medju għall-valuri medji akbar minn 20 sa 50 µg/kg;

± 20 % tal-valur medju għall-valuri medjiss 'l fuq minn 50 µg/kg'."